MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Numru 221/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**
**(Sp. Stephen Gatt)**

**v**

**Silvio Buttigieg ta’ 30 sena iben John u Lourdes xebba Calleja, mwieled Pieta’ nhar 16 ta’ April, 1973 u residenti No. 52, Triq Santa Maria, Bormla jew No. 3, Windsor Flats, Triq Testaferrata, Ta’ Xbieb detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 244573 (M)**

**Pauline Pisani ta’ 18-il sena iben Harry u Maria xebba Pisani mwielda Pieta’ nhar id-9 ta’ Novembru, 1985 u residenti, No. 5, Windsor Flats, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex, detentur tal-karta tal-identita’ Bin-numru 558785 (M)**

**Stephen Mifsud ta' 31 sena iben Carmelo u Mary xebba Debono mwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju, 1972, u residenti No. 5, Windsor Flats, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex detentur tal-karta Ta' l-identita' bin-numru 425172 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Silvio Buttigieg, Pauline Pisani u Stephen Mifsud li gew akkuzati talli flimkien ma' persuna ohra b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) talli f'dawn l-ahhar xhur gewwa Ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' flus minn fuq diversi persuni, li huwa kwalfikat bil-vjolenza, hin u vlaur li jaccedi Lm 100 izda inqas minn Lm 1000, ghad-dannu ta' diversi persuni mhux maghrufa,
(b) talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil diversi persuni mhux maghrufa kontra l-volonta' taghhom;
(c) talli fil-lejl ta' bejn 9 ta' Marzu, 2004 u l-10 ta' marzu, 2004 gewwa ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' flus minn fuq il-persuna ta' Hamsa Mohammed Abdul,
(d) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmi Hamsa Mohammed Abdul kontra l-volonta' tieghu,
(e) talli fil-lejl ta' bejn 10 ta' Marzu, 2004 u l-11 ta' Marzu, 2004 gewwa ta' Xbiex, ikkommettew serq ta' flud u mobile phone minn fuq il-persuna ta' Ian Zahra, li huwa kwalifikat bil-vjolenza, hin u velur li jeccedi Lm 100 izda anqas minn Lm 1000, ghad-dannu ta' Ian Zahra;

(f) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmi Ian Zahra kontra l-volonta’ tieghu;
(g) talli fil-lejl ta’ bejn 8 ta’ Marzu, 2004 u d-9 ta’ Marzu, 2004 gewwa ta’ Xbiex, ikkommettew serq ta’ flus minn fuq il-persuna ta’ Anthony Cilia, li huwa kwalifikat bil-vjolenza, hin u vlaur li jeccedi Lm 100 izda anqas minn Lm 1000, ghad-dannu ta’ Anthony Cilia;
(h) talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, heddew bil-fomm, taw ordni u poggew taht kundizzjoni lil Hamsa Mohammed Abdul, Ian Zahra u diversi nies mhux maghrufa;
(i) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 7 289 b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Stephen Mifsud wahdu:

(j) talli fil-lejl ta’ bejn 10 ta’ Marzu, 2004 u 11 ta’ Marzu, 2004 gewwa Ta’ Xbiex, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ian Zahra kif iccertifika Dr I. Cacciattolo MD,
(k) akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn malta, jew xjentement b’kullmod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Lil Pauline Pisani wahedha:

(l) talli fil-lejl ta’ 10 ta’ Marzu, 2004 u 11 ta’ Marzu, 2004 u xhur ta’ qabel fil-Gzira f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamel biex ihajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(m) akkuzata wkoll f’dawn il-gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-provediment ta’ artikolu 5 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta (llum Art 7 tal-Kap 446) b’sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)

datata 19 ta' Frar, 2003 liema sentenzi huma definittivi u ma tistax tigi mibdula, fejn kienet misjuba hatja u liberata taht kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

Rat l-artikoli migjuba kontra Silvio Buttigieg u cioe:

(a) l-artikoli 18, 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 275, 277, 278, 279 tal-Kapitlu 9
(b) 18, 86 tal-Kapitlu 9
(c) 49, 50, 289, 533 tal-Kapitlu 9

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005 Silvio Buttigieg irregistra n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll li fil-fatt din il-kawza bdiet bi tliet ko akkuzati, pero' fil-konfront tat-tnejn l-ohrajn in vista ta' l-ammissjoni taghhom, sar separazzjoni ta' gudizzju. **GHALHEKK DIN ID-DECIZJONI HIJA BISS FIL-KONFRONT TA' SILVIO BUTTIGIEG.**

Ikkonsidrat

Illi bla tlaqliq din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax ghall-fatt illi dawn il-proceduri kienu ferm karenti mix-xhieda dwar il-mertu, jekk fil-fatt kien hemm ohrajn, ghajr ghax-xhieda ta' Hamsa Mohammed Abdul u Ian Zahra.

Fil-fatt nonostante ghan-negazzjoni ta' Buttigieg f'din l-iscam, ghajr per ezempju fejn jammetti li kien se jaghti lura s-sim card tal-mobile misruq minghand Zahra, hemm Hamsa kif ukoll Zahra kienu kategorici dwar l-involviment ta' Buttigieg fl-incident in dizamina. Illi fil-fatt dawn iz-zewg xhieda cioe Hamsa u Zahra gharfu lil Buttigieg prezenti fuq is-sit tar-reat fil-kaz ta' Hamsa jghid li f'idu kellu anke sikkina, mentri Zahra kien car li Buttigieg kien involut kemm fis-serq tal-flus kif ukoll tal-mobile.

Illi pero' in vista ta' l-akkuzi addebitati kontra Buttigieg din il-Qorti Hi tal-fehma li ghandhom isiru s-segwenti kummenti.

Fl-ewwel lok fit-tieni set ta'l-artikoli Buttigieg gie addebitat bir-reat kontinwat fil-konfront ta' sekwestru ta' persuna.

Jghid Hamsa li hu gie aggredit minn tliet irgiel, tnejn minnhom il-ko akkuzati maskili, allura wiehed minnhom Buttigieg. Din l-aggressjoni saret barra stante li skond dan ix-xhud kien ghadu ma dahalx gol-blokka ta' l-appartamenti li fiha kellu jkollu x'jaqsam ma' Pauline Mifsud. Kien hawn li hu gie misruq is-somma ta' flus fl-ammont ta' tliet mitt dollaru u hamsa u tletin lira Maltin.

Mela ghal mument sakemm gie misruq Hamsa anke jekk ghadu barra gie mizmum anke bl-uzu ta' arma bil-pont. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dana ma japplikax fil-kaz ta' Zahra, in kwantu dana fi kliemu stess jghid li hu hareg mill-kamra fejn gie misruq somma flus mill-jeans bil-partecipazzjoni ta' l-akkuzat, u rega' ddahal lura ghall-mobile ghax induna li anke dan ittehidlu. Dan l-agir ta' Zahra li sahansitra anke reggha dahal lura fil-fond fejn gie aggredit ihalli dubju serju ghal kemm fil-fatt hu gie mizmum fl-aggressjoni tant li hu waqt it-tehid tal-jeans attakka lil Pauline Pisani u anke dahal f'tug of war ghall-istess jeans. Hija l-fehma tal-Qorti li anke jekk l-intenzjoni kienet li sakemm jinsteraq Zahra jinzamm, pero' dana ma giex sufficjentement pruvat tant li hu stess jghid li tawh lura l-jeans u ordnawlu li jilbes u jitlaq il-barra.

Huwa ghaldaqshekk li l-Qorti ma tqisx li ghandu jigi applikat l-artiklu 18 tal-Kapitlu 9 fir-rigward tar-reat ta' sekwestru that l-artikolu 86 tal-Kapitlu 9 fil-konfront tar-reat kommess fuq Ian Zahra.

Anke fil-konfront ta' l-akkuzi fir-rekwizit c ta' l-artikoli jinhtieg li jigi wkoll sollevat illi ghalkemm il-fedina penali ta' Buttigieg hija ghal kollox refrattarja u ferm ikkolorata, pero' ma giet prezentata ebda sentenza f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant qed issib lil Silvio Buttigieg hati tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 18, 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 275, 277, 278, 279 u 86 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikoli 17 tal-Kapitlu 9, rat il-fedina penali ta' l-akkuzat li dwarha gia kkumentat din il-Qorti u tikkundanna lil Silvio Buttigieg ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------